MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 77/8

It-Tlieta 19 ta` Lulju 2022

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja Itaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa ta ` filghaxija (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier

Audrey Amri Brincat – l-persuna nominata biex timla` l-post vakant ta` Kunsilliera.

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

077.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

077.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

077.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

077.4 Mozzjoni: Co-Option tal-Kunsilliera Gdida;

077.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

077.6 Rapporti;

077.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
   a. Triq iż-Żebbuġa – progress
   b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
   c. Ġnien Raymond Caruana – progress
   d. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieh - progress

077.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

077.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**077.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji**

Is-Sindku nfurmat lil s-Sinjorina M Micallef mhux ser tattendi minhabba ragunijiet personali. Dawk prezenti approvaw din it-talba.

**077.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-Kunsill qabel li l-minuti jigu approvati fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**077.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

077.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghol fuq it-toqob tal-arbli tal-festi kienu tlesta.

077.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kienet saret laqgha ma` DG tal-Public Works, is-Sur Stephen Bonello u l-perit John Agius dwar il-progett tal-Gnien R.Caruana. Ghal din il-laqgha attendew is-Sindku, l-Kunsillier S Caruana u s-Segretarju Ezekuttiv. Waqt id-diskussjoni gie deciz li jergghu jigu

riveduti il-pjanti tal-progett. Is-Sindku talbet sabiex minn naha tal-Public Works ikun hemm commitment li dan il-progett ser isir.

077.3.3 Is-Sindku prezentat ittra li l-Kunsill ircieva minghand l-Ghaqda Marija Assunta sabiex isir l-applikazzjoni mall-ARMS habba dawl tal-munument. Il-Kunsill ma sabx ogezzjoni ghal din it-talba. Is-Sindku qalet ukoll li l-istess ghaqda talbet biex il-Kunsill jipprovdi xi cangaturi, fejn il-Kunsill qabel li bhalissa mhux f`pozizzjoni li jipprovdi dan il-materjal. Il-Kunsillier S Caruana qal li ghandu jsir il-kuntratt ma` din l-ghaqda bhal ma sar mall-ghaqda l-ohra u li l-Kunsill ghandu jimxi bl-istess mod ma` zewg kazini.

077.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-problema tal-vetturi kbar li qed jidhlu fi Triq Bir Miftuh u jghaddu minn Triq De Warsbergh. Il-Kunsill qabel li jitlob lill TM sabiex jigwida lill-Kunsill x`tabelli jisghtu jsiru biex jigi evitat li jghaddu aktar vetturi kbar mit-toroq imsemmija.

077.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand id-DLG dwar talba biex jdur it-traffiku ta` Triq San Pawl u Triq il-Maghsar, fejn il-Kunsill qabel li bhalissa mhux f`pozizzjoni li jidawwar it-traffiku minhabba devjazzjonijiet li hemm fil-prezent habba xoghlijiet li qed isiru fejn l-ajruport.

077.3.6 Is-Sindku prezentat ir-rapport tal-Contracts Manager li gie ccirkulat qabel il-laqgha. Is-Sindku proponiet li tinhareg default notice ghall-kuntrattur taz-zamma tal-gonna ghax-xhur li fadal xi jhallas il-Kunsill.

077.3.7 Prezentata korrispondenza dwar il-Blue Heart Campaign fejn il-Kunsill qabel li tinxtghel il-binja tal-Kunsill bejn id-29 u l- 1 ta` Awwissu bil-kulur blu.

077.3.8 Gie prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-AKL dwar attivitajiet fil-komunita mill-Malta Dementia Society. Il-Kunsill wera xewqa li japplika ghal din l-inzjattiva.

077.3.9 Prezentata korrispondenza li ntbghatet minghand is-Sinjura Giordmaina sabiex jsiru fitness workshops gewwa l-Gudja. Il-Kunsill wera interess u talab sabiex ikollu aktar informazzjoni dwar dawn il-workshops.

077.3.10 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Kumitat ta` Ismijiet ta` Toroq fejn staqsiet ghal aktar informazzjoni dwar l-isem ta` Triq il-Fidwa.

077.3.11 Prezentati d-drawings tar-raised central strip fi Vjal it-Torri li gie mhejji mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex iz-zebra crossing tigi inkorporata ma` raised central strip. Il-Kunsilll ser jibghat dawn id-drawings lill-TM ghal approvazzjoni.

077.3.12 Giet prezentata korrispondenza dwar Fond ta` Manutenzjoni u Sostenn ta` Progetti Magguri li saru mill-Gvern (SPI/SCI/6/2022. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill japplika sabiex isiru fanali godda fuq il-bankina ta` Triq Raymond Caruana. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

077.3.13 Giet prezentata korrispondenza dwar Fondi relatati mall-Attivita tal-Clean Up Day (SPI/SCI/07/2022). Il-Kunsill qabel li japplika ghal dawn il-fondi u li l-attivita ssir is-Sibt 17 ta` Settembru 2022.

077.3.14 Giet prezentata korrispondenza mibughta mir-Regjun Nofsinhar dwar Memorandum of Understanding bejn Socjetajiet Muzikali u Regjun Nofsinhar. Din il-korrispondenza ntbghatet lill-Ghaqdiet tal-lokal.

077.3.15 Giet prezentata korrispondenza dwar fondi relatati mall-attivitajiet fi zmien il-festi tal-Milied. Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza tintbghat lill-ghaqdiet tal-festi biex jitella` programm ta` attivitajiet.

077.3.16 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-talba biex isir lampa gdida fi Triq B`Bugia. Il-Kunsill ma sabx ogezzjoni ghal dan it-talba.

077.3.17 Giet prezentata l-applikazzjoni li l-Kunsill ghamel ma` TM sabiex isir timed parking bay fi Triq P.Cagliardi, Gudja.

077.3.17 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Ingineer tal-Public Works dwar it-talba li kien ghamel il-Kunsill habba sistema ta` irrigazzjoni fil-Gnien Raymond Caruana. Is-Sur Cremona bghat rapport iddetaljat li tax-xoghol li jrid isir.

077.3.18 Prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-LCA dwar konferenza bl-isem European Week of Regions and Cities li ser isir gewwa Brussel bejn id-9 u t-13 ta` Ottubru 2022.

**077.4 Mozzjoni: Co-Option tal-Kunsilliera Gdida;**

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand il-President tal-Partit Nazzjonalista dwar il-Co-Option tal-kunsillier Nazzjonalist mall-Kunsill Lokali tal-Gudja. Il-Kunsillier S Caruana ressaq mozzjoni sabiex is-Sinjura Audrey Amri Brincat timla` l-post vakant ta` kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Gudja, fejn is-Sindku ssekondat u l-mozzjoni giet approvata. Il-membri tal-Kunsill awguraw lis-Sinjura Amri Brincat ghal din il-kariga l-gdida.

**077.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

077.5.1 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-isprall li qed jiccaqlaq fi Triq il-Maghsar.

077.5.2 Il-Vici Sindku JM Calleja talab sabiex isir stop sign fl-art fi Triq Victor Pasmore, int u hiereg ghal Vjal it-Torri.

077.5.3 Il-Vici Sindku JM Calleja talab biex isir double yellow line fejn Wesgha Anglu Dalli.

**077.6 Rapporti;**

**077.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-laqgha li saret mall-perit u l-kuntrattur li qed jaghmel ix-xoghlijiet fi Triq Santa Katerina u t-toroq fejn gew diskusi l-ahhar xoghlijiet li ghad fadal biex jitlesta l-progett. Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar il-bankina maghmula bil-madum, fejn il-perit tal-Kunsill issugerriexa sabiex il-madum jinqala u minflok isir bic-cangatura tal-franka. Il-Kunsill qabel ma` dan il-proponiment u talab sabiex jigu nfurmati r-residenti. Il-Vici Sindku qal li riedu naraw habba l-gholi tal-bankina, is-Sindku proponiet li sir xi planter fit-tarf tal-bankina. Is-Sindku ziedet tghid li jrid isir ukoll tarmak taht il-bankina li taghti ghal Triq San Ciru. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir tarmak ukoll fi Triq Santa Katerina c/w Triq R.Caruana. Il-Kunsillier S Caruana talab ukoll sabiex l-isprall ta` Triq R.Caruana jista jitnehha peress li ghad m`ghandhux uzu. Rigward il-parkegg, il-Kunsill qabel li dan ghandu jsir bi pjanci tal-stainless steel.

c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**

Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet li qeghdin isiru fuq il-hitan tas-sejjieh fi Triq Hal Safi. Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat Change Request sabiex isir estenzjoni taz-zmien sal-ahhar ta` Dicembru. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Segretarju Ezekuttiv ziedet tghid li ser jintbaghtu pjanti godda ta` fejn ser isiru l-hitan fi Triq Hal-Safi u Triq il-Kappella minflok dak li l-Kunsill kien diga applika ghalihom.

**077.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 39/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier S Caruana u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €12,226.07 u ġiet approvata nem con.

**077.9 Tmiem tal-Laqgha**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tlieta 23 ta` Awwissu 2022 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv